MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru 125/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Priviledge Mupimhidzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Priviledge Mupimhidzi**, ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, iben Patrick u Veronica xebba Zammit, imwieled Zimbabwe, fl-14 ta Ottubru 1986, residenti 81, Triq il-Vitorja, Birkirkara , detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 123804(L), akkuzat talli:

1. fis-6 ta’ Jannar 2013 bejn it-08:20 ta’ filghodu u s-01:30 ta wara nofs in-nhar ikkometta serq minn gewwa r-residenza 5, Sqaq il-Matluwa, Birkirkara ghad-detriment ta Guzeppi Borg u Carmela Borg u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37);

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq il-bieb tal-bejt tar-residenza 5, Sqaq il-Matluwa, Birkirkara ghad-detriment ta’ Guzeppi Borg u Carmela Borg u/jew persuna/i ohra, liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);

3. u aktar talli fil-25 ta’ Jannar 2013 bejn it-08:20 ta’ filghodu u 11:45 ta filghodu ikkometta serq minn gewwa r-residenza 9, Satija, Triq Jannara, Birkirkara ghad-detriment ta’ Joseph Zammit u Antoinette Zammit u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37);

4. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara f’tieqa u bieb tal-bejt ta’ residenza 9, Satija, Triq Jannara, Birkirkara ghad-detriment ta’ Joseph Zammit u Antoinetta Zammit, liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);

5. aktar talli f’xi hin bejn it-30 ta Jannar 2012 u t-02 ta’ Frar 2013 ikkometta serq minn gewwa r-residenza New Dawn, Triq D’Argens, Msida ghad-detriment ta’ Grazio Zerafa u Connie Zerafa u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37);

6. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara f' tieqa u grada ta' residenza New Dawn, Triq D'Argens, Msida ghad-detriment ta' Grazio Zerafa u Connie Zerafa, liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);

7. matul ix-xahar ta Jannar 2013 xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahalu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

8. talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

9. talli permezz ta` dawn ir-reati ghamel reat fil-waqt ta` perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jiddikjaraw li s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghall-ewwel (1), ghat-tielet (3) u ghall-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jiddikjaraw, b'riferenza ghad-disa' (9) imputazzjoni, li s-sentenza sospiza hija dik

moghtija fil-25 ta' Mejju 2009 (kif jirrizulta mill-fedina penali tal-istess imputat).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-fatt l-imputat kkometta r-reati addebitati lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.[1] Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li t-tieni (2), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjonijiet jistghu jigu kkunsidrati bhal mezz ghall-fini tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet rispettivament u b'hekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, stante li gie dikjarat li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1), ghat-tielet (3) u ghall-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 17(h), 28B(1), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267, 269(g), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Priviledge Mupimhidzi hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija li kienet giet sospiza ghall-erba' (4) snin, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' tlitt (3) snin prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' <u>hames (5) snin prigunerija</u>.

[1] Din is-sentenza kienet dik moghtija fil-25 ta' Mejju 2009 fejn l-imputat kien gie kkundannat sentejn prigunerija li gew sospizi ghall-erba' (4) snin.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f’dawn il-proceduri.
Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------